**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Marzu 2024**

**Il-Pulizija ta' Malta**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Terry Demicoli**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-partijiet offizi Caroline Brincat gia Demicoli u Venice Demicoli fis-seduta tal-lum sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jieqfu ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda ta' Caroline Brincat, Venice Demicoli u tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-lum

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Fix-xhieda taghhom llum iz-zewg partijiet offizi qalu li jixtiequ li dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat jieqfu. L-imputat u Caroline Brincat isseparaw legalment xi xhur ilu, u qed jghixu hajjithom b'mod trankwil. Fil-waqt li Venice Demicoli, it-tifla taghhom, xehdet li m'ghandhix interess f'dawn il-proceduri, u li llum ghandha relazzjoni tajba ma missierha, u cioe ma' l-imputat.

Il-Qorti fehmet lill-partijiet offizi l-konsegwenzi legali jekk it-talba taghhom tigi milqugha, u b'mod partikolari li dawn il-proceduri ma jistghux jigu ravvivati fil-futur. Iz-zewg partijiet offizi insistew ukoll, fuq diversi domandi ta' din il-Qorti u tal-Ufficjal Prosekutur, li d-decizjoni taghhom li dawn il-proceduri jieqfu kienet wahda volontarja. Il-Qorti spjegatilhom ukoll li jekk it-talba taghhom tigi milqugha, dawn il-proceduri jintemmu u ma jistghax jergghu jigu ravvivati fil-futur. Waqt ix-xhieda taghhom huma kienu assistiti mill-avukat difensur taghhom, u mix-xhieda taghhom jidher li d-decizjoni taghhom hija wahda ferma.

Mill-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni u mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li jehtiegu x-xhieda tal-parti offiza sabiex tkun tista' tinsab htija, fuq iz-zewg imputazzjonijiet.

Tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet, il-mod kif xehdu l-partijiet offizi, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xewqa tal-partijiet offizi ghandha tigi rispettata.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li dawn il-proceduri kontra l-imputat ma jitkomplewx u tiddikjara l-procediment ezawrit.

**Maġistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**